VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,795, 23 ta' Awwissu, 2011
Taqsima B

A.L. 334 ta' l-2011

ATT DWAR IS-SEKWESTRU U L-KUSTODJA TA' MINURI (KAP. 410)

Ordni tal-2011 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 (1) ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Affarijiet Barranin għamel dan l-ordni li gej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2011 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, u għandu jiftiehem u jinqara bħala ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjah "l-Ordni prinċipali". A.L. 130 ta' l-2000.

Jemenda l-Iskeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali.

2. Minnufih wara l-pajjiż "Trindad u Tobago" u d-Data ta' Bidu fis-Seħħ "1 ta' Lulju, 2009" fl-Iskeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali, għandu jizdied dan li gej:-

Pajjiż	Data ta' Bidu fis-Seħħ
Il-Marokk	1 ta' Novembru 2011
Singapor	1 ta' Novembru 2011
Il-Gabon	1 ta' Novembru 2011".